**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0262/2021**

3.9.2021

*

# RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri
(COM(2021)0282 – C9-0205/2021 – 2021/0137(NLE))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Lucia Ďuriš Nicholsonová

(Proċedura simplifikata – Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura)



Magħquda fid-diversità

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.
Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

**WERREJ**

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW...........5

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI ................................................................16

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri**
**(COM(2021)0282 – C9-0205/2021 – 2021/0137(NLE))**

**(Konsultazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2021)0282),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 148(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C9-0205/2021),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 82 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A9-0262/2021),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

3. Jistieden lill-Kunsill jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**Emenda 1**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) L-Unjoni trid tiġġieled kontra l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni u tippromwovi l-ġustizzja u l-protezzjoni soċjali, kif ukoll l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal. Meta tiddefinixxi u timplimenta l-politiki u l-attivitajiet tagħha, l-Unjoni trid tqis ir-rekwiżiti marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjiegi, il-garanzija ta' protezzjoni soċjali adegwata, il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, livell għoli ta' edukazzjoni u taħriġ u l-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem kif stabbilit fl-Artikolu 9 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). | (2) L-Unjoni trid tiġġieled kontra l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni u tippromwovi l-ġustizzja u l-protezzjoni soċjali, kif ukoll l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal. Meta tiddefinixxi u timplimenta l-politiki u l-attivitajiet tagħha, l-Unjoni trid tqis ir-rekwiżiti marbuta mal-promozzjoni ta' ***swieq tax-xogħol inklużivi,*** livell għoli ta' impjiegi, ***negozjar kollettiv, pagi diċenti,*** il-garanzija ta' protezzjoni soċjali adegwata, il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali ***b'enfażi speċjali fuq il-gruppi vulnerabbli, jiġifieri t-tfal, il-persuni b'diżabbiltà, il-ġenituri waħedhom, il-minoranzi etniċi, bħall-persuni Rom, il-persuni LGBTIQA+, il-persuni li jgħixu f'żoni remoti u l-persuni akbar fl-età***, livell għoli ta' edukazzjoni u taħriġ u l-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem kif stabbilit ***fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u*** l-Artikolu 9 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). |

**Emenda 2**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Is-Semestru Ewropew jiġbor flimkien strumenti differenti f'qafas ġenerali għall-koordinazzjoni u s-sorveljanza ta' politiki ekonomiċi u ***tal-impjiegi*** multilaterali integrati. Filwaqt li | (5) Is-Semestru Ewropew jiġbor flimkien strumenti differenti f'qafas ġenerali għall-koordinazzjoni u s-sorveljanza ta' politiki ekonomiċi***, tal-impjiegi u dawk soċjali*** u ***ambjentali*** |

| | |
|---|---|
| jsegwi s-sostenibbiltà ambjentali, il-produttività, il-ġustizzja u l-istabbiltà, is-Semestru Ewropew jintegra ***l-prinċipji*** tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u l-għodda ta' monitoraġġ tiegħu, it-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, u jipprevedi impenn qawwi mas-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati oħra. Jappoġġa t-twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Jenħtieġ li l-politiki dwar l-impjiegi u dawk ekonomiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri jimxu id f'id mat-tranżizzjoni tal-Ewropa lejn ekonomija b'impatt newtrali fuq il-klima, ambjentalment sostenibbli u diġitali, filwaqt li jtejbu l-kompetittività, jiżguraw kundizzjonijiet ***xierqa*** tax-xogħol, irawmu l-innovazzjoni, jippromwovu l-ġustizzja soċjali u l-opportunitajiet indaqs, kif ukoll jindirizzaw l-inugwaljanzi u d-disparitajiet reġjonali. | multilaterali integrati. Filwaqt li jsegwi s-sostenibbiltà ambjentali, il-produttività, il-ġustizzja u l-istabbiltà, is-Semestru Ewropew ***jenħtieġ li*** jintegra ***aktar il-prinċipji*** tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u l-għodda ta' monitoraġġ tiegħu, it-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, u jipprevedi impenn qawwi mas-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati oħra. Jappoġġa t-twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli***, b'mod partikolari l-ugwaljanza bejn il-ġeneri***. Jenħtieġ li l-politiki dwar l-impjiegi u dawk ekonomiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri jimxu id f'id mat-tranżizzjoni tal-Ewropa lejn ekonomija b'impatt newtrali fuq il-klima, ***soċjalment inklużiva,*** ambjentalment sostenibbli u diġitali, filwaqt li jtejbu l-kompetittività, jiżguraw kundizzjonijiet ***diċenti*** tax-xogħol ***u sistemi ta' protezzjoni soċjali robusti***, irawmu l-innovazzjoni, jippromwovu l-ġustizzja soċjali u l-opportunitajiet indaqs ***u jinvestu fiż-żgħażagħ***, kif ukoll jindirizzaw l-inugwaljanzi u d-disparitajiet reġjonali ***u jnaqqsu l-faqar. Hemm ħtieġa urġenti li jiġu previsti impjiegi ta' kwalità u sostenibbli, inklużi inizjattivi leġiżlattivi dwar kundizzjonijiet tax-xogħol diċenti dwar it-telexogħol, id-dritt ta' skonnessjoni, leave parentali u relatat mal-kura, id-drittijiet tal-ħaddiema tal-pjattaformi, qafas legali ġenerali fil-qasam is-sottokuntrattar, b'aktar trasparenza u rakkomandazzjonijiet dwar ir-responsabbiltà, kif ukoll is-saħħa u s-sikurezza u t-tisħiħ tar-rwol tan-negozjar kollettiv.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) It-tibdil fil-klima u l-isfidi relatati mal-ambjent, il-globalizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, l-intelliġenza artifiċjali, | (6) It-tibdil fil-klima u l-isfidi relatati mal-ambjent, il-globalizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, l-intelliġenza artifiċjali, |

it-telexogħol, l-ekonomija tal-pjattaformi u t-tibdil demografiku ***se*** jittrasformaw l-ekonomiji u s-soċjetajiet Ewropej. Jenħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jaħdmu flimkien biex jindirizzaw b'mod effettiv dawn il-fatturi strutturali u jadattaw is-sistemi eżistenti kif meħtieġ, filwaqt li jirrikonoxxu l-interdipendenza mill-qrib tal-ekonomiji u s-swieq tax-xogħol tal-Istati Membri u l-politiki relatati. Dan jirrikjedi azzjoni ta' politika koordinata, ambizzjuża u effettiva kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fil-livell nazzjonali, f'konformità mat-TFUE u d-dispożizzjonijiet tal-Unjoni dwar il-governanza ekonomika. Jenħtieġ li azzjoni ta' politika bħal din tinkludi spinta għall-investiment sostenibbli, impenn imġedded għal riformi b'sekwenza xierqa li jtejbu t-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, il-produttività, il-kundizzjonijiet ***xierqa*** tax-xogħol, il-koeżjoni soċjali u territorjali, il-konverġenza ’l fuq, ir-reżiljenza u l-eżerċizzju ta' responsabbiltà fiskali. Jenħtieġ li tikkombina miżuri min-naħa tal-provvista u min-naħa tad-domanda, filwaqt li tqis l-impatti tagħhom mil-lat ambjentali, soċjali u tal-impjiegi.

it-telexogħol, l-ekonomija tal-pjattaformi u t-tibdil demografiku ***qed*** jittrasformaw l-ekonomiji u s-soċjetajiet Ewropej. ***Filwaqt li t-telexogħol jista' jitqies bħala pass lejn bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, li jippermetti lil gruppi ta' ħaddiema li qabel kienu esklużi li jkollhom aċċess għas-swieq tax-xogħol, hemm ir-riskju wkoll li jnaqqas iċ-ċarezza fid-diviżjoni bejn il-ħin tax-xogħol u dak personali, u dan jista' jkollu effetti negattivi fuq id-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema u s-saħħa fiżika u mentali tagħhom.*** Jenħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jaħdmu flimkien biex jindirizzaw b'mod effettiv dawn il-fatturi strutturali u jadattaw is-sistemi eżistenti kif meħtieġ, filwaqt li jirrikonoxxu l-interdipendenza mill-qrib tal-ekonomiji u s-swieq tax-xogħol tal-Istati Membri u l-politiki relatati. Dan jirrikjedi azzjoni ta' politika koordinata, ambizzjuża u effettiva ***li tinvolvi lis-sħab soċjali*** kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fil-livell nazzjonali, f'konformità mat-TFUE***, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali*** u d-dispożizzjonijiet tal-Unjoni dwar il-governanza ekonomika. Jenħtieġ li azzjoni ta' politika bħal din tinkludi spinta għall-investiment sostenibbli, impenn imġedded għal riformi b'sekwenza xierqa li jtejbu t-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, il-produttività, il-kundizzjonijiet ***diċenti*** tax-xogħol, il-koeżjoni soċjali u territorjali, il-konverġenza ’l fuq, ir-reżiljenza u l-eżerċizzju ta' responsabbiltà fiskali ***u soċjali***. Jenħtieġ li tikkombina miżuri min-naħa tal-provvista u min-naħa tad-domanda, filwaqt li tqis l-impatti tagħhom mil-lat ambjentali, soċjali u tal-impjiegi. ***Wara d-Dikjarazzjoni tal-ministri tal-finanzi tal-UE dwar il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fid-dawl tal-kriżi tal-COVID-19 tat-23 ta' Marzu 2020, li ħabbret deroga temporanja mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (klawżola liberatorja ġenerali) u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Ġunju 2021 bit-titolu: "Il-***

***Koordinazzjoni tal-Politika Ekonomika fl-2021: biex tingħeleb il-COVID-19, ikun appoġġat l-irkupru u tkun modernizzata l-ekonomija tagħna", li indikat li l-klawżola liberatorja ġenerali se tkompli tiġi applikata fl-2022 u kienet mistennija li tiġi diżattivata mill-2023, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu użu sħiħ mill-potenzjal offrut mill-klawżola liberatorja ġenerali biex jappoġġaw lill-impriżi li jinsabu f'diffikultà jew li huma nieqsa mil-likwidità, b'mod partikolari l-mikrointrapriżi u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, biex jissalvagwardjaw l-impjiegi, il-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol u biex jinvestu fin-nies u fis-sistemi tas-sigurtà soċjali. Ir-riskju potenzjali għall-finanzi pubbliċi, ikkawżat mill-estensjoni, kif ukoll il-konsegwenzi negattivi soċjali potenzjali tad-diżattivazzjoni tagħha, mistennija fl-2023, jenħtieġ li jiġu evalwati ex ante.***

**Emenda 4**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Fit-8 ta' Mejju 2021, il-Mexxejja tal-UE fis-Summit Soċjali ta' Porto ([20]) rrikonoxxew il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali bħala element fundamentali tal-irkupru filwaqt li nnutaw li l-implimentazzjoni tiegħu se ssaħħaħ l-isforz tal-Unjoni lejn tranżizzjoni diġitali, ekoloġika u ġusta u tikkontribwixxi għall-kisba ta' konverġenza ekonomika u soċjali 'l fuq u għall-indirizzar tal-isfidi demografiċi. Enfasizzaw li d-dimensjoni soċjali, id-djalogu soċjali u l-involviment attiv tas-sħab soċjali huma fil-qalba ta' ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna. L-Istati Membri sabu li l-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali li ppreżentat il-Kummissjoni pprovda gwida utli għall-implimentazzjoni | (8) Fit-8 ta' Mejju 2021, il-Mexxejja tal-UE fis-Summit Soċjali ta' Porto ([20]) rrikonoxxew il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali bħala element fundamentali tal-irkupru filwaqt li nnutaw li l-implimentazzjoni tiegħu se ssaħħaħ l-isforz tal-Unjoni lejn tranżizzjoni diġitali, ekoloġika u ġusta u tikkontribwixxi għall-kisba ta' konverġenza ekonomika u soċjali 'l fuq u għall-indirizzar tal-isfidi demografiċi. Enfasizzaw li d-dimensjoni soċjali, id-djalogu soċjali u l-involviment attiv tas-sħab soċjali huma fil-qalba ta' ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna. L-Istati Membri sabu li l-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali li ppreżentat il-Kummissjoni pprovda gwida utli għall-implimentazzjoni |

tal-Pilastru, inkluż fl-oqsma tal-impjiegi, tal-ħiliet, tas-saħħa u tal-protezzjoni soċjali. Kienu sodisfatti bil-miri ewlenin il-ġodda tal-UE għall-2030 dwar l-impjiegi (78 % tal-popolazzjoni ta' età ta' bejn 20 u -64 sena jenħtieġ li jkollhom impjieg), il-ħiliet (60 % tal-adulti kollha jenħtieġ li jipparteċipaw f’taħriġ kull sena) u t-tnaqqis tal-faqar (ta' mill-inqas 15-il miljun, inkluż ħames miljun tifel u tifla) u t-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta bil-ħsieb li jiġi mmonitorjat il-progress lejn l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Soċjali bħala parti mill-qafas ta' koordinazzjoni tal-politika fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Barra minn hekk, innutaw li, issa li l-Ewropa qed tibda tirkupra gradwalment mill-pandemija tal-COVID-19, il-prijorità se tkun li nimxu mill-protezzjoni għall-ħolqien tal-impjiegi u t-titjib tal-kwalità tal-impjiegi, u enfasizzaw li l-implimentazzjoni tal-prinċipji fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali se tkun essenzjali biex jiġi żgurat il-ħolqien ta' aktar impjiegi u impjiegi aħjar għal kulħadd fil-qafas ta' rkupru inklużiv. Fl-aħħar nett, l-Istati Membri enfasizzaw l-importanza li jiġi segwit mill-qrib, inkluż fl-ogħla livell, il-progress miksub lejn l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-miri ewlenin tal-UE għall-2030.

[20] Il-Kunsill Ewropew, Id-Dikjarazzjoni ta' Porto, it-8 ta' Mejju 2021.

tal-Pilastru, inkluż fl-oqsma tal-impjiegi, tal-ħiliet, tas-saħħa u tal-protezzjoni soċjali. Kienu sodisfatti bil-miri ewlenin il-ġodda tal-UE għall-2030 dwar l-impjiegi (78 % tal-popolazzjoni ta' età ta' bejn 20 u 64 sena jenħtieġ li jkollhom impjieg), il-ħiliet (60 % tal-adulti kollha jenħtieġ li jipparteċipaw f'taħriġ kull sena) u t-tnaqqis tal-faqar (ta' mill-inqas 15-il miljun, inkluż ħames miljun tifel u tifla) u t-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta bil-ħsieb li jiġi mmonitorjat il-progress lejn l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Soċjali bħala parti mill-qafas ta' koordinazzjoni tal-politika fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Barra minn hekk, innutaw li, issa li l-Ewropa qed tibda tirkupra gradwalment mill-pandemija tal-COVID-19, il-prijorità se tkun li nimxu mill-protezzjoni għall-ħolqien tal-impjiegi u t-titjib tal-kwalità tal-impjiegi, u enfasizzaw li l-implimentazzjoni tal-prinċipji fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali se tkun essenzjali biex jiġi żgurat il-ħolqien ta' aktar impjiegi u impjiegi aħjar għal kulħadd fil-qafas ta' rkupru inklużiv. Fl-aħħar nett, l-Istati Membri enfasizzaw l-importanza li jiġi segwit mill-qrib, inkluż fl-ogħla livell, il-progress miksub lejn l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-miri ewlenin tal-UE għall-2030. ***L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw mobilità ġusta u l-portabbiltà tad-drittijiet u l-intitolamenti permezz ta' protezzjoni aħjar tal-ħaddiema mobbli inklużi l-ħaddiema transfruntiera u staġjonali, spettorati tax-xogħol aktar effettivi u l-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali effettivi.***

[20] Il-Kunsill Ewropew, Id-Dikjarazzjoni ta' Porto, it-8 ta' Mejju 2021.

**Emenda 5**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) Il-kondizzjoni ta' persuni mingħajr dar hija waħda mill-aktar forom estremi ta' esklużjoni soċjali, li taffettwa b'mod negattiv is-saħħa fiżika u mentali, il-benessri u l-kwalità tal-ħajja tal-persuni, kif ukoll l-aċċess tagħhom għall-impjiegi u servizzi ekonomiċi u soċjali oħra. Il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni, l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali kif ukoll l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-livell tal-Unjoni qablu li jniedu l-Pjattaforma Ewropea għall-ġlieda kontra l-kondizzjoni ta' persuni mingħajr dar. Bl-għan aħħari li tintemm il-kondizzjoni ta' persuni mingħajr dar sal-2030, huma impenjaw ruħhom li jimplimentaw il-prinċipju tal-Akkomodazzjoni l-Ewwel, jippromwovu l-prevenzjoni tal-kondizzjoni ta' persuni mingħajr dar u jipprovdu aċċess għal akkomodazzjoni adegwata, sikura u affordabbli u servizzi ta' appoġġ għall-persuni mingħajr dar, filwaqt li jdaħħlu fis-seħħ il-miżuri ta' politika meħtieġa, b'finanzjament adegwat fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni .*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Ir-riformi fis-suq tax-xogħol, inkluż il-mekkanizmi nazzjonali għall-iffissar tal-pagi, jenħtieġ li jsegwu l-prattiki nazzjonali tad-djalogu soċjali, bil-ħsieb li jiġu pprovduti pagi ġusti li jippermettu livell ta' għajxien deċenti u tkabbir sostenibbli. Jenħtieġ ukoll li jippermettu l-opportunità meħtieġa għal kunsiderazzjoni wiesgħa tal-kwistjonijiet soċjoekonomiċi, inkluż titjib fis-sostenibbiltà, fil-kompetittività, fl-innovazzjoni, fil-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, fil-kundizzjonijiet tax-xogħol, fil- | (9) Ir-riformi fis-suq tax-xogħol, inkluż il-mekkanizmi nazzjonali għall-iffissar tal-pagi, jenħtieġ li jsegwu l-prattiki nazzjonali tad-djalogu soċjali, bil-ħsieb li jiġu pprovduti pagi ġusti li jippermettu livell ta' għajxien deċenti u tkabbir sostenibbli. Jenħtieġ ukoll li jippermettu l-opportunità meħtieġa għal kunsiderazzjoni wiesgħa tal-kwistjonijiet soċjoekonomiċi, inkluż titjib fis-sostenibbiltà, fil-kompetittività, fl-innovazzjoni, fil-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, fil-kundizzjonijiet tax-xogħol, fil- |

| | |
|---|---|
| faqar fost dawk li jaħdmu, fl-edukazzjoni u l-ħiliet, fis-saħħa pubblika u l-inklużjoni u fid-dħul reali. L-Istati Membri u l-Unjoni jenħtieġ li jiżguraw li l-impatt soċjali, tal-impjiegi u ekonomiku tal-kriżi tal-COVID-19 jittaffa u li t-tranżizzjonijiet ikunu soċjalment ġusti u xierqa. Jenħtieġ li jitkompla t-tisħiħ tal-irkupru u tal-isforz biex tiġi stabbilita soċjetà inklużiva u reżiljenti li fiha n-nies ikunu protetti u jkollhom is-setgħa biex jantiċipaw u jiġġestixxu l-bidla, u li fiha jistgħu jipparteċipaw attivament fis-soċjetà u fl-ekonomija. Hemm bżonn ta' sett koerenti ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol li jikkonsistu f'inċentivi temporanji ta' reklutaġġ u ta' tranżizzjoni, ***politiki dwar il-ħiliet*** u servizzi tal-impjiegi imtejba biex jiġu appoġġati t-tranżizzjonijiet tas-suq tax-xogħol kif enfasizzat fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) dwar appoġġ attiv effettiv għall-impjiegi wara l-kriżi tal-COVID-19 (EASE). | faqar fost dawk li jaħdmu, ***fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri,*** fl-edukazzjoni u l-ħiliet, fis-saħħa pubblika u l-inklużjoni u fid-dħul reali. L-Istati Membri ***għalhekk jenħtieġ li jirrispettaw u jsaħħu r-rwol tas-sħab soċjali, jippromwovu l-estensjoni tal-kopertura tan-negozjar kollettiv, u jappoġġaw densità għolja ta' trade unions u organizzazzjonijiet tal-impjegaturi sabiex jiżguraw irkupru inklużiv u soċjalment ġust.*** L-Istati Membri u l-Unjoni jenħtieġ li jiżguraw li l-impatt soċjali, tal-impjiegi u ekonomiku tal-kriżi tal-COVID-19 jittaffa u li t-tranżizzjonijiet ikunu soċjalment ġusti u xierqa. Jenħtieġ li jitkompla t-tisħiħ tal-irkupru u tal-isforz biex tiġi stabbilita soċjetà inklużiva u reżiljenti li fiha n-nies ikunu protetti u jkollhom is-setgħa biex jantiċipaw u jiġġestixxu l-bidla, u li fiha jistgħu jipparteċipaw attivament fis-soċjetà u fl-ekonomija. Hemm bżonn ta' sett koerenti ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol li jikkonsistu f'inċentivi temporanji ***għall-ħiliet*** ta' reklutaġġ u ta' tranżizzjoni, ***il-validazzjoni u l-kisba ta' kompetenzi*** u servizzi tal-impjiegi imtejba biex jiġu appoġġati t-tranżizzjonijiet tas-suq tax-xogħol kif enfasizzat fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) dwar appoġġ attiv effettiv għall-impjiegi wara l-kriżi tal-COVID-19 (EASE). ***Hija meħtieġa evalwazzjoni bir-reqqa tal-politiki nazzjonali u tal-iskemi ta' appoġġ li ntużaw biex jittaffew l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19 sabiex ikunu jistgħu jinsiltu tagħlimiet u jiġu identifikati strumenti għall-użu fil-futur.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Jenħtieġ li tiġi ***indirizzata*** d-diskriminazzjoni fil-forom kollha tagħha, | (10) Jenħtieġ li tiġi ***eliminata*** d-diskriminazzjoni fil-forom kollha tagħha, |

tiġi żgurata l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jiġu ***appoġġati*** l-impjiegi taż-żgħażagħ. Jenħtieġ li jiġu żgurati l-aċċess u l-opportunitajiet għal kulħadd u jenħtieġ li ***jitnaqqsu*** l-faqar u l-esklużjoni soċjali, inkluż fejn jidħlu t-tfal, b'mod partikolari billi jiġu żgurati funzjonament effettiv tas-swieq tax-xogħol u sistemi tal-protezzjoni soċjali xierqa u inklużivi, u billi jitneħħew l-ostakli għall-edukazzjoni, it-taħriġ u l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, inkluż permezz ta' investimenti fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u fil-ħiliet diġitali. L-aċċess f'waqtu u ugwali għal servizzi tal-kura fit-tul u tal-kura tas-saħħa bi prezz li jintlaħaq, inkluż il-prevenzjoni u l-promozzjoni tal-kura tas-saħħa, huwa partikolarment ***rilevanti***, fid-dawl tal-kriżi tal-COVID-19 u f'kuntest ta' soċjetajiet li qed jixjieħu. Jenħtieġ li l-persuni b'diżabbiltà li jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku u għall-iżvilupp soċjali jkomplu jilħqu l-potenzjal tagħhom. Mas-seħħ ta' mudelli ekonomiċi u kummerċjali ġodda fil-postijiet tax-xogħol tal-Unjoni, ir-relazzjonijiet tax-xogħol qed jinbidlu wkoll. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li r-relazzjonijiet tax-xogħol li jirriżultaw minn forom ġodda ta' xogħol ***iżommu*** u ***jsaħħu l-mudell soċjali tal-Ewropa***.

tiġi żgurata l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jiġu ***promossi*** l-impjiegi taż-żgħażagħ. Jenħtieġ li jiġu żgurati l-aċċess u l-opportunitajiet għal kulħadd u jenħtieġ li ***jiġu eradikati*** l-faqar u l-esklużjoni soċjali, inkluż fejn jidħlu t-tfal, b'mod partikolari billi jiġu żgurati funzjonament effettiv tas-swieq tax-xogħol u sistemi tal-protezzjoni soċjali xierqa u inklużivi, u billi jitneħħew l-ostakli għall-edukazzjoni, it-taħriġ u l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, inkluż permezz ta' investimenti fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal**,** fil-ħiliet diġitali u ***fit-tagħlim tul il-ħajja. L-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu spinta lill-investiment f'impjiegi sostenibbli u ta' kwalità u jadottaw approċċ komprensiv biex jinħarġu t-tfal mill-faqar u biex jiġu appoġġati l-ġenituri tat-tfal fil-bżonn. Il-Garanzija Ewropea għat-Tfal jenħtieġ li tiġi integrata fis-setturi kollha tal-politika u l-finanzjament għad-drittijiet tat-tfal jenħtieġ li jingħata prijorità, filwaqt li jsir użu sħiħ mill-politiki u l-fondi eżistenti tal-Unjoni għal miżuri konkreti li jikkontribwixxu għall-qerda tal-faqar fost it-tfal u l-esklużjoni soċjali***. L-aċċess f'waqtu u ugwali għal servizzi tal-kura fit-tul u tal-kura tas-saħħa bi prezz li jintlaħaq, inkluż il-prevenzjoni**,** ***mhux l-anqas ta' kwistjonijiet tas-saħħa mentali fil-post tax-xogħol,*** u l-promozzjoni tal-kura tas-saħħa, huwa partikolarment ***importanti***, fid-dawl tal-kriżi tal-COVID-19 u f'kuntest ta' soċjetajiet li qed jixjieħu. Jenħtieġ li l-persuni b'diżabbiltà li jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku u għall-iżvilupp soċjali jkomplu jilħqu l-potenzjal tagħhom. Mas-seħħ ta' mudelli ekonomiċi u kummerċjali ġodda fil-postijiet tax-xogħol tal-Unjoni, ir-relazzjonijiet tax-xogħol qed jinbidlu wkoll. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li r-relazzjonijiet tax-xogħol li jirriżultaw minn forom ġodda ta' xogħol ***isaħħu l-mudell soċjali tal-Ewropa, filwaqt li jiggarantixxu d-drittijiet tal-ħaddiema, kundizzjonijiet tax-xogħol diċenti, inklużi s-saħħa*** u ***s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, pagi diċenti u bilanċ***

| | |
|---|---|
| | ***tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja privata.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mir-REACT-EU***(***[21]***)*** li jirrinforza l-fondi tal-politika ta' koeżjoni sal-2023, mill-Fond Soċjali Ewropew Plus, mill-Faċilità l-ġdida għall-Irkupru u r-Reżiljenza ***(***[22]***)*** u fondi oħrajn tal-Unjoni, fosthom il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u InvestEU, biex irawmu l-impjiegi, l-investimenti soċjali, l-inklużjoni soċjali, u l-aċċessibbiltà, u jippromwovu l-opportunitajiet għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol, it-tagħlim tul il-ħajja u l-edukazzjoni u t-taħriġ ta' kwalità għolja għal kulħadd, inkluż il-litteriżmu u l-ħiliet diġitali. Filwaqt li l-Linji Gwida Integrati huma indirizzati lill-Istati Membri u lill-Unjoni, jenħtieġ li jiġu implimentati fi sħubija mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali kollha, bl-involviment mill-qrib tal-parlamenti, kif ukoll tas-sħab soċjali u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. | (12) Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mir-REACT-EU li jirrinforza l-fondi tal-politika ta' koeżjoni sal-2023[21], mill-Fond Soċjali Ewropew Plus, mill-Faċilità l-ġdida għall-Irkupru u r-Reżiljenza[22] u fondi oħrajn tal-Unjoni, fosthom il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u InvestEU, biex irawmu l-impjiegi, l-investimenti soċjali, l-inklużjoni soċjali, u l-aċċessibbiltà, u jippromwovu l-opportunitajiet għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol, it-tagħlim tul il-ħajja u l-edukazzjoni u t-taħriġ ta' kwalità għolja għal kulħadd, inkluż il-litteriżmu u l-ħiliet diġitali. ***Jenħtieġ ukoll li l-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[22a] ***biex jappoġġaw lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja b'riżultat tal-kriżi tal-COVID-19.*** Filwaqt li l-Linji Gwida Integrati huma indirizzati lill-Istati Membri u lill-Unjoni, jenħtieġ li jiġu implimentati fi sħubija mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali kollha, bl-involviment mill-qrib tal-parlamenti, kif ukoll tas-sħab soċjali u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. |
| ______________ | ______________ |
| [21] Ir-Regolament (UE) 2020/2221 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward ta' riżorsi addizzjonali u arranġamenti ta' implimentazzjoni biex jipprovdi assistenza għat-trawwim ta' | [21] [21] Ir-Regolament (UE) 2020/2221 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward ta' riżorsi addizzjonali u arranġamenti ta' implimentazzjoni biex jipprovdi assistenza għat-trawwim ta' |

| | |
|---|---|
| miżuri li jsewwu d-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi soċjali tagħha u għat-tħejjija ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija (REACT-EU) (ĠU L 437, 28.12.2020, p. 30–42). | miżuri li jsewwu d-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi soċjali tagħha u għat-tħejjija ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija (REACT-EU) (ĠU L 437, 28.12.2020, p. 30–42). |
| [22] Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17–75). | [22] Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17–75). |
| | ***[22a] Ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48).*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 13a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13a) Fir-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tal-10 ta' Lulju 2020 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, il-Parlament Ewropew talab reviżjoni tal-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi soċjali u tal-impjiegi tagħha sabiex ikun hemm rispons aħjar għall-kriżi. Huwa essenzjali li l-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri jiġu riveduti kif xieraq. Sabiex jissaħħaħ il-proċess deċiżjonali demokratiku, il-Parlament Ewropew jenħtieġ li jiġi involut fid-definizzjoni tal-Linji Gwida Integrati għat-Tkabbir u l-Impjiegi fuq bażi ugwali mal-Kunsill.*** |

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Linji gwida għall-politiki tal-impjieg tal-Istati Membri |
| **Referenzi** | COM(2021)0282 – C9-0205/2021 – 2021/0137(NLE) |
| **Data tal-konsultazzjoni / talba għal approvazzjoni** | 11.6.2021 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | EMPL<br>23.6.2021 |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | Lucia Ďuriš Nicholsonová<br>14.6.2021 |
| **Proċedura simplifikata - data tad-deċiżjoni** | 14.6.2021 |
| **Eżami fil-kumitat** | 28.6.2021 |
| **Data tal-adozzjoni** | 1.9.2021 |
| **Data tat-tressiq** | 3.9.2021 |